# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 704

KAZ NRU. 986

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Ghaqda Haddiema Postali

u

Posta Ltd

rigward "Union Recognition"

Data : 28 ta' Marzu 1996

Chairman : Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons.), M.A.

Membri : Is-Sur Maurice Petrocochino
Is-Sur Alfred Buhagiar

## 1. INTRODUZZJONI

Permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru, 1995 Ref. ME 4/95/93 il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani talab lit-Tribunal biex skond l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jiddeciedi dwar it-Tilwima Industrijali bejn l-Ghaqda Haddiema Postali u Posta Ltd dwar "Union Recognition".

It-Tribunal zamm erba' seduti.

L-Ghaqda Hadddiema Postali kienet rapprezentata mis-sur Raphael Blanco, President u s-sur Clyde Cassar, Segretarju assistiti mill-avukat Toni Abela.

Il-Posta Ltd., kienet rapprezentata mis-sur Victor Scott, Assistant Postmaster General is-sur Ivan Falzon, Chief Executive u s-sur Joe Gafa', Financial Controller assistiti mill-avukat Joseph J. Vella.

2. <u>SOTTOMISSJONIJIET</u>

<u>L-Ghaqda Haddiema Postali</u> ssottometiet li l-Union kienet ilha zmien tipprova tikkonvinci lil min hu responsabbli fil-posta biex issir votazzjoni sigrieta biex il-haddiema tal-posta jiddeciedu min miz-zewg unions cioe' l-Ghaqda Haddiema Postali jew il-General Workers' Union ghandu jirrapprezenta lill-Haddiema tal-Posta.

<u>Il-Posta Ltd</u> issottomettiet li t-talba tal-Ghaqda Haddiema Postali hi ghal kollox infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dawl tal-prattika tar-relazzjonijiet industrijali kif osservati f'dawn il-gzejjer.

Illi l-Ghaqda Haddiema Postali kienet talbet "recognition" minghand id-Dipartiment tal-Posta (il-predecessur tal-kumpanija prezenti), izda pero' qatt ma ssostanzjat din it-talba billi naqset li tipprovdi l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri taghha.

Illi minkejja tali nuqqas l-Ghaqda Haddiema Postali baqghet tinsisti sabiex isir vot sigriet u dan meta hi stess naqset li tosserva l-ewwel pass elementari li ghandu jsir f'sitwazzjonijiet bhal dawn.

Illi barra minn dan, il-kumpanija diga taghti gharfien lill-General Workers' Union u sallum ghadu ma gara xejn li jgieghel lill-kumpanija li tirtira tali gharfien biex taghti dan lil xi ghaqda ohra. Illi ghalhekk it-talba kif prezentata mill-Ghaqda Haddiema Postali m'ghandhiex tigi milqugha min dan it-Tribunal.

<u>Il-General Workers' Union</u> b'ittra datata 12 ta' Dicembru 1995 infurmat lit-Tribunal li l-istess G.W.U. li ghandha l-gharfien trejdjunjonistiku tal-haddiema postali f'Posta Ltd ghandha nteress f'din it-Tilwima u ghaldqstant talbet li tintervjeni fil-proceduri pendenti fit-Tribunal Industrijali li quddiemu qed jinstema' l-kaz.

Permezz ta' ittra ohra datata 11 ta' Jannar 1996 il-General Workers' Union informat lit-Tribunal li l-Union thoss li ghalissa m'ghandhiex tintervjeni jew tiehu sehem fil-proceduri pendenti fit-Tribunal Industrijali li quddiemu qed jinstema' l-kaz.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

It-Tilwima bejn l-Ghaqda Haddiema Postali u Posta Ltd kienet jekk fil-fatt il-Union kellhiex il-maggoranza jigifieri 50 + 1 tal-impjiegati kollha tal-Posta Ltd.

Ghal dan il-ghan gie mitlub jixhed is-sur Emanuel Cilia Debono, Direttur tax-Xoghol li gie mitlub mit-Tribunal biex jaghmel verifiki tal-membri tal-Ghaqda Haddiema Postali.

DECIZJONI

Peress li fix-xhieda sussegwenti s-sur Emanuel Cilia Debono, Registratur tat-Trade Unions u Direttur tax-Xoghol ghamilha ampjament cara li l-Ghaqda Haddiema Postali ma kellhiex il-maggoranza tal-impjegati f'Posta Ltd bhala membri taghha, it-Tribunal jirrispingi t-talba taghha.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Maurice Petrocochino
MEMBRU

Alfred Buhagiar
MEMBRU

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg